**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 ta' Settembru 2022**

**Rikors Nru. 438/2021 GM**

**Rosette Thake et**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat et**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' provvediment a fol 470 din il-Qorti stradat il-kawża billi ordnat li l-ewwel jitressqu l-provi u jiġu ttrattati l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-Enemalta; l-ewwel sitt eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Isat; u l-ewwel seba' eċċezzjonijiet tal-ARMS u ċjoe`:

Enemalta:

1. Hemm rimedju ordinarju.

2. Nuqqas ta’ interess ġuridiku li jiġu ssindakati l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha.

3. M’hijiex l-Istat anke jekk il-Gvern għandu azzjonijiet maġġoritarji. Ma tistax issir kawża kostituzzjonali kontriha.

4. Art. 1 tal-Ewwel Protokoll mhuwiex applikabbli.

AI:

1. Nuqqas ta’ kompetenza rationae materiae in vista tal-ewwel u s-sitt talba dwar sejbien ta’ frodi u negliġenza.

2. Ir-rikorrenti jridu jġibu prova tal-locus standi tagħhom.

3. Ir-rikorrenti għandhom jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom.

4. Hemm rimedju ordinarju.

5. Nuqqas ta’ integrita` tal-ġudizzju.

6. Mhux leġittimu kontradittur.

ARMS:

1. Hi soċjeta` privata li ma tirrappreżentax l-Istat u għalhekk mhix leġittimu kontradittur.

2. Mhix parti fil-kuntratt impunjand; hi biss aġent tal-Enemalta għal fini ta' servizzi amministattivi.

3. It-tariffi jinħarġu b'regolamenti u mhux bi ftehim bejnha u l-Enemalta.

4. Ir-rikorrenti jridu jġibu prova tal-locus standi tagħhom.

5. L-interess ġuridiku ma jistax ikun ibbażat fuq fatt ipotetiku.

6. Hemm rimedju ordinarju.

7. Ir-rikorrenti m'għandhomx jintavolaw proċeduri kostituzzjonali sabiex jinvokaw drittijiet litiġjużi li l-Istat espressament ma tax lok għalihom fil-liġi.

S'issa tressqu dawn il-provi:

Mir-rikorrenti:

- Rapport tal-Awditur Generali dwar il-kuntratti bejn l-Electrogas Malta Ltd u l-Enemalta – Novemberu 2018.[1]

[1] Fol 6 – 278.

- Affidavits tar-rikorrenti.[2]
- Rapport tal-Awditur Ġenerali dwar Performance Audit Smart u RF Meters Contribution to more accurate and timely utilities billing.[3]

L-Avukat tal-Istat:

- Ħarrek lil Emanuel Delia, wieħed mir-rikorrenti.[4] Sarulu wkoll domandi mill-avukat tar-rikorrenti,[5] u kontro-eżami mill-avukat tal-Enemalta.[6]

Mill-ARMS:

- Affidavit taċ-Chief Legal Officer Dr. Emanuel Bezzina.[7]

Mill-Enemalta:

-Affidavit tal-Inginier Jonathan Scerri dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tagħha.[8]

-L-inġinier Marjohn Abela, Kap Eżekuttiv Ewlieni tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, xehed viva voce fis-seduta tat-22.02.2022.[9] Sarlu kontro-eżami minn wieħed mill-avukati tar-rikorrenti (Dr. Edward Debono).[10] L-avukati tar-rikorrenti nsistew li x-xhud iwieġeb fejn marru l-profitti tal-Enemalta. Dr.

[2] Fol 313-410.
[3] Fol 412-463.
[4] Fol 603.
[5] Fol 606.
[6] Fol 607.
[7] Fol 534.
[8] Fol 472.
[9] Fol 600.
[10] Fol 616.

James D'Agostino, għall-Avukat tal-Istat, talab lill-Qorti biex il-kontro-eżami jkun ristrett għall-eċċezzjonijiet preliminari. Id-domanda in kwistjoni tolqot il-mertu.

Il-Qorti taqbel mal-Avukat tal-Istat. F'dan l-istadju din id-domanda mhix ammissibbli. Il-Qorti diġa' rregolat il-mod kif għandu jitmexxa l-proċess sabiex dan jimxi b'mod ordnat u ddixxiplinat fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Il-partijiet għandhom, b'lealta` lejn il-Qorti, jaderixxu mal-provvediment tal-Qorti u f'dan l-istadju jillimitaw il-provi tagħhom, li jinkludu l-kontro-eżamijiet, għal dak li hu rilevanti għall-eċċezzjonijiet preliminari msemmija fil-provvediment tagħha. Fl-istadju opportun, imbagħad, il-partijiet ikunu jistgħu jressqu l-provi kollha rilevanti dwar il-mertu.

Dan il-provvediment ġie mogħti llum waqt l-udjenza.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA